# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 108/8

**It-Tlieta 19 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Marija Micallef – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat - Kunsilliera
Josianne Debono – Accountant tal-Kunsill

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Angelo Agius - Kunsillier

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

108.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

108.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

108.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

108.4 Approvazzjoni tal-Financial Quarterly Report (Jan-Diċ 2023);

108.5 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statement għas-sena 2023;

108.6 Is-Sitwazzjoni tal-Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali;

108.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

108.8 Rapporti;

108.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett tal-Latrina Pubblika – tender GLC/002/2023

108.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

108.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u kwart ta` filgħaxija (5:15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva l-minuti nru 107/8 nem con.

**108.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku talbet lill-Accountant tal-Kunsill tispjega lill-membri tal-Kunsill l-Unaudited Financial Statement għas-sena 2023.

Is-Sindku qrat ir-rapport tax-xahar tal-Contracts Manager dwar is-servizzi li qed jingħataw lill-Kunsill. Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill ser ikollu laqgħa mall-Clean Malta dwar il-knis. Is-Sindku qalet li l-Kunsill irid jipprepara biex joħroġ it-tender tal-knis u għalhekk irid jiddeċiedi fuq l-ammont ta' kenniesa. Il-Kunsilliera A Amri Brincat għamlet referenza għat-tindif taż-żuntier speċjalment minħabba l-ħmieġ tal-ħamiem. Il-Kunsillier S Caruana propona li l-Kunsill jibgħat lill-Kunsill tal-Belt u l-Furjana sabiex jinfurmaw lill-Kunsill xi prekawzjonijiet ħadu biex jitnaqqas dan il-ħamiem. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jibgħat dirett lill-Onorevoli Bugeja Said.

Preżentat l-Evaluation Report tas-sejħa tal-offerti għax-xogħlijiet fil-latrina pubblika ta' Ġnien R.Caruana. Il-Kunsill approva dan ir-rapport. Dawn ix-xogħlijiet ser ikunu qed isiru mill-kuntrattur G&P Borg Ltd

Ġiet preżentata korrispondenza dwar talba li saret minn ħanut dwar l-un/loading bay fi Triq William Baker. Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel it-talba għall-un/loading bays għal pjazza sabiex għal fatt li hemm diversi ħwienet u każini.

Ġiet preżentata talba li saret mill-iskola ta' St. Joan Antide sabiex isir attivita' lit-tfal mill-iskola għal MIA. Huma talbu sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament fl-ispiża tal-uffiċjali tal-LESA li tammonta għal 179.20Ewro. Dawk preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Community Policing ser jibdew fl-1 ta'Marzu 2024 u li ser jintbgħatu dettalji tal-uffiċjali inkarigati.

Ġiet preżentata l-Skema SPI/SCI/1/2024 – Skema ta' Restawr ta' Postijiet/ Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025, fejn il-Kunsill ser ikun qed japplika biex tiġi restawrata niċċa fi Triq l-Annunzjata kantuniera ma' Triq R. Caruana, liema niċċa hija parti minn propjetà privata li kienet wriet interess sabiex din tiġi restawrata. Dwar dan kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

18:45hr Il-Kunsillier talab sabiex jiġi skużat u qabel għamel referenza għal applikazzjoni ta'żvilupp li kien hemm fi Triq San Pawl, li l-Kunsill għamel l-oġezzjoni tiegħu, fejn nforma lil dawk preżenti li bħal dan l-istess żvilupp hemm applikazzjoni oħra fi Triq De Warsbergh u talab sabiex il-Kunsill jerġa' jagħmel l-oġezzjoni tiegħu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

Ġiet preżentata korrispondenza li ntbagħtet mill-librara sabiex il-Kunsill jalloka somma ta' elf ewro biex jinxtraw ammont ta' kotba għal librerija tal-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Is-Sindku talbet sabiex jinxtraw kotba bil-Malti.

Is-Sindku għamlet referenza għall-armar ta' slaleb fit-toroq tal-Gudja mill-għaqdiet tal-Lokal. Il-Kunsill qabel li jintramaw ħmistax – il salib minn kull għaqda f'dawn it-toroq: Triq il-Kbira, Triq San Mark, Triq R.Caruana u Triq San Ċiru.

Is-Sindku għamlet referenza għal ħarġa li ser tiġi organizzata fl-20 ta' Marzu 2024 ġewwa Rabat u l-Imtarfa.

**108.4 Approvazzjoni tal-Financial Quarterly Report (Jan-Diċ 2023);**

Is-Sindku preżentat il-Quarterly Financial Report minn Jannar sa` Diċembru 2023. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**108 5 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statement għas-sena 2023;**

Is-Sindku preżentat l-Unaudited Financial Statement ghas-sena 2023. Is-Sindku stiendet lill-Accountant tal-Kunsill, is-Sinjura Josianne Debono sabiex tagħti spjegazzjoni ta` dan ir-rapport lill-membri tal-Kunsill.

Is-Sinjura Debono qalet li matul is-sena 2023, il-Kunsill nefaq aktar milli daħal flus, fejn għalaq is-sena bi żbilanc ta` €15,373 wara li ġiet ikkunsidrata anke id-depreciation. Is-Sinjura Debono żiedet tgħid li kien l-ammont li rriżulta fin-negattiv kien l-ammont ta' depreciation tal-proġett ta' Triq Santa Katerina, Triq id-Dejqa u Triq J.Pace li kienettammonta għal €12,000. Matul is-sena 2023, il-Kunsill naqqas ħafna mill-ispejjez kumparat mas-sena 2022, imma sfortunatament id-dħul kien inqasmis-sena 2022. Is-Sinjura Debono assigurat li l-cash flow tal-Kunsill kompla jiżdied sew mis-sena 2022. Matul l-ewwel kwart tas-sena 2024, ser ikun hemm bidla fl-iżbilanc li ngħalqett bih is-sena 2023. Is-Sindku MS Vella Gafa' staqsiet jekk il-Kunsill huwiex f'pożizzjoni li jkun jista' jieħu loan minħabba l-bini tal-Kunsill. L-accountant qalet li l-Kunsill għandu cash flow u għalhekk għandu biex iħallas il-loan jekk tkun waħda ġusta.Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**108.6 Is-Sitwazzjoni tal-Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar is-sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill. Is-Sindku Qalet li hija ġiet nfurmata mingħand il-Lands Authority li l-Kunsill kien ser jingħata ċwievet tal-post tal-gvern sabiex il-Kunsill ikun jista' jara l-binja jekk hux utli għal bżonnijiet tagħna. Is-Sindku żiedet tgħid li dwar il-kawża l-Kunsill ma sema xejn u li minn naħa tal-Ministeru tal-Intern lesti li jiltagħqu magħna.Is-Sindku qalet ukoll li devoluzzjoni tal-Lands Authority ser jiġu jiswew is-somma ta' ħames mitt ewro fis-sena.

**108.7 Rapporti;**

**108.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

**108.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress

b. Ġnien Raymond Caruana – progress

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kienet ħarġet id-DNO tal-Ġnien R.Caruana, fejn fost ix-xogħlijiet li ser isiru ħa tkun qed isir l-art mill-ġdid, installazzjoni ta' CCTV cameras, dwal ġodda fost oħrajn.

**c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress**

**d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress**

**Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja**

**e. Proġett tal-Pjazza – progress**

**f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**108.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 59/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku M Micallef u sekondata mill-Kunsilliera A Amri Brincat għall-ammont totali ta' €16,236,67 u ġiet approvata nem con.

108.11 Tmiem tal-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa ta' filgħaxija (7:00pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu 2024 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn 15 ta' April 2024.

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv